**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 12 ta' Ottubru 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Galea)**

**vs**

**Maverick Vella u**
**Abraham Grima**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Maverick Vella, ta' 21 sena, iben Paul u Silvana neè Pace, imwieled il-Pieta` nhar il-21 ta' Frar 1999, residenti Velpa, Triq l-Imdina, Hal Qormi detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 0068299M, u

Abraham Grima, ta' 37 sena, iben il-mejjet Abraham u Antoinette neè Aquilina, imwieled l-Pieta` nhar l-20 ta' Settembru 1982, residenti 74, Triq M. A. Vassalli, Hal Qormi detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 0521482M:

Akkuzati talli fil-granet ta' bejn it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju 2020 u id-disgha u ghoxrin (29) ta' Gunju 2020, waqt li kienu gewwa St. Joseph Petrol Station fi Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera

1. b'diversi atti maghmula minnhom, li gew maghmula fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ikkommettew serq ta' fuel liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2.329.37), u bil-hin ghad-dannu tas-sid u/jew ta' persuna jew persuni ohra;

Lil Maverick Vella wahdu:

2. U aktar talli nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Gunju 2020 ghal-habta tan-nofs siegha ta' filghodu (00:30hrs) u fil-hinijiet ta' qabel waqt li kien fi Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera saq vettura tal-ghamla Tata Indica bin-numri ta' registrazzjoni propja taghha CBI732 u b'dawk attwalment uzati fuqha EBR616 minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta' dwar riskji ghal-terzi persuni;

3. U aktar talli nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Gunju 2020 ghal-habta tan-nofs siegha ta' filghodu (00:30hrs) u fil-hinijiet ta' qabel waqt li kien fi Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera saq jew ippermetta li tithalla il-vettura ta' ghamla Tata Indica bin-numri ta' registrazzjoni propja taghha CBI 732 u b'dawk attwalment uzati fuqha EBR 616 fi triq, kemm ipparkjata kif ukoll jekk kienet qed tintuza, minghajr licenzja ta' cirkolazzjoni mahruga mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta;

4. U aktar talli nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Gunju 2020 ghal-habta tan-nofs siegha ta' filghodu (00:30hrs) u fil-hinijiet ta' qabel waqt li kien fi Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera saq vettura bil-mutur tal-ghamla Tata Indica li kellha mwahhla pjanci b'numri tar-registrazzjoni li ma kienux mahruga mill-Awtorita` jew dawk il-pjanci ma kienux jirriferu jew jappartjenu ghal dik il-vettura partikolari.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tordna lill-imputati ihallasu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba ukoll, sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija, tordna il-konfiska tal-istrument li serva jew li kien mahsub li iservi sabiex isir id-delitt, u cioe` vettura tal-ghamla Tata Indica bin-numru tax-Chassis MAT6001522PR20958 ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' htija titratta mal-imputat Abraham Grima bhala ricediv ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa gie misjub hati permezz ta' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Il-Qorti hija finalment mitluba ukoll sabiex fil-kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-Ligi, tiskwalifika lill-imputat Maverick Vella milli jkollu jew milli jikseb kull licenzja tas-sewqan ghal dak it-tul ta' zmien li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq.

**2.** Rat il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dawn il-proceduri kontra z-zewg imputati jigu trattati bil-procedura sommarja, u rat li z-zewg imputat iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz kontra taghhom jigi hekk trattat.

**3.** Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**4.** Rat li fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2020, l-Ufficjal Prosekutur irtira l-imputazzjoni numru erbgha (4) fic-citazzjoni fil-konfront tal-imputat Maverick Vella.

**5.** Rat li fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2020 iz-zewg imputati irregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kif dedotti kontra taghhom.

**6.** Il-Qorti wissiet lill-imputat Maverick Vella bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu, u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' 6 snin

prigunerija u multa ta' hamest elef mitejn u tmienja u hamsin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€5,258.75), kif ukoll jigi skwalifikat milli jkollu jew jikseb kull licenzja tas-sewqan ghal tul dak iz-zmien li din il-Qorti jidhrilha xieraq.[1]

**7.** Il-Qorti wissiet lill-imputat Abraham Galea bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta sitt (6) snin prigunerija.

**8.** Il-Qorti wissiet ukoll lill-imputati li f'kaz ta' ammissjoni jkun hemm ukoll il-konfiska tal-vettura tal-ghamla Tata Indica imsemmija fic-citazzjoni.

**9.** Il-Qorti issospendiet is-seduta sabiex l-imputati jikkonsultaw mal-avukati difensuri taghhom biex jaraw jekk iridux jirrevedu l-posizzjoni taghhom.

**16.** Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat Maverick Vella jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u wiegeb fl-affermattiv, u mistoqsi mill-Qorti xi jwiegeb fuq l-ammissjoni tieghu wiegeb li hu hati.

**17.** Il-Qorti staqsiet lill-imputat Abraham Grima jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u wiegeb fl-affermattiv u mistoqsi mill-Qorti xi jwiegeb fuq l-ammissjoni tieghu wiegeb li hu hati.

**18.** Rat il-*pre-sentencing reports* fil-konfront ta' kull wiehed miz-zewg imputati.

**19.** Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**21.** Mill-ammissjoni taghhom stess, il-Qorti ssib liz-zewg imputati hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom, hlief ghar-raba' imputazzjoni li giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

[1] Ara wkoll verbal fis-seduta tat-2 ta' Settembru 2020.

**22.** Rigward il-piena, il-Qorti ikkunsidrat li l-imputati irrregistraw ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u cioe` fl-ewwel seduta li fiha ttellghu il-Qorti, u ghalhekk ma hlewx il-hin tal-Qorti u tal-Pulizija. Pero` jrid jinghad ukoll li huma inqabdu *in flagrante* mill-Pulizija hekk kif hallew il-post tar-reat.

**23.** Fir-rigward tal-imputat Maverick Vella, il-Qorti ikkonsidrat ukoll li huwa ghandu fedina penali netta.

**24.** Fil-*pre-sentencing report* dwar l-imputat Vella, l-Ufficjal tal-Probation Odelsie Bayliss ikkonkludiet hekk:

*"L-Ufficjal tal-Probation hi tal-opinjoni li Maverick Vella ghandu jahdem fuq id-diffikultajiet personali tieghu partikolarment fuq l-affarijiet li wassluh sabiex iwettaq ir-reat in kwistjoni, fosthom in-nuqqas ta' pjanar ta' flusu. Ikun adekwat ukoll li lill-imsemmi ssirlu evalwazzjoni psikologika sabiex jigu identifikati l-problemi tieghu bil-ghan li jkun jista' jigi kkumpilat pjan ta' kura fil-konfront tieghu. L-informazzjoni ikkumpilata tindika li Maverick Vella possibilment jista' jibbenefika minn ghajnuna professjonali sabiex ikun jista' jindirizza l-problemi personali u/jew emozzjonali li jghaddi minnhom ta' kuljum u li ma jhossux komdu jitkellem dwarhom. … …*

*L-Ufficjal tal-probation temmen li Maverick Vella ghandu jinghata Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' sentejn sabiex ikollu l-opportunita` li jirriforma ruhu taht il-gwida u s-supervizjoni tal-Ufficjal tal-Probation. Is-sottoskritta temmen li l-imsemmija Ordni ta' Probation ghandu jkollha inkluz fiha l-kundizzjonijiet li Maverick Vella jattendi ghas-servizz offrut mill-Embark for Life sabiex jinghata ghajnuna edukattiva fuq kif jista' jqassam flusu b'mod ahjar, fil-waqt li jattendi ghal sessjonijiet ma' psikologu/a gewwa d-Dipartiment tal-Probation u l-Probation* [recte Parole]. *F'kaz li din l-Ordni tinghata mill-imsemmi minn din l-Onorabbli Qorti, l-Ufficjal tal-Probation tkun tista' tirreferieh sabiex jibda jibbenefika minn dawk is-servizzi. Din ir-rakkomandazzjoni qed issir bil-ghan li jigu indirizzati d-diffikultajiet principali li possibilment wasslu lil Maverick Vella biex jinvolvi ruhu fir-reat odjern u jitnaqqas ir-riskju li jitwettaq reat simili iehor fil-futur."*

**25.** Din il-Qorti taqbel mar-rakkomandazzjonijiet tal-Ufficjal tal-Probation fil-konfront ta' Maverick Vella, pero` hija tal-opinjoni li l-Ordni ta' Probation ghandha tkun ta' zmien tlett snin u mhux sentejn, sabiex Vella, li ghadu ta' eta` relattivament zghira, jigi segwit u mghejjun ghaz-zmien massimu li tippermetti l-ligi, sabiex jindirizza l-problemi li ghandu, u jitbieghed mit-triq tal-kriminalita`.

**26.** Fic-citazzjoni, il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat Vella jigi skwalifikat milli jkollu jew milli jikseb kull licenzja tas-sewqan. Fit-trattazzjoni orali, id-difiza issottomettiet li l-licenzja tas-sewqan hija bzonnjuza ghall-hajja ta' kuljum tal-imputat Vella, in partikolari minhabba x-xoghol tieghu. L-Artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jippreskrivi li kull min jinstab hati li saq vettura minghajr polza ta' assigurazzjoni dwar riskji ghal terzi persuni *"ghandu (hlief jekk il-Qorti ghal ragunijiet specjali tikkonsidra li tordna mod iehor u minghajr pregudizzju ghas-setgha tal-Qorti li tordna zmien itwal ta' skwalifika) jigi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb licenza tas-sewqan ghal zmien ta' tnax-il xahar mid-data li jkun gie misjub hati:"*

**27.** Issa l-argument tad-difiza li licenzja tas-sewqan hija bzonnjuza ghall-hajja ta' kuljum tal-imputat certament mhix raguni specjali ghalfejn din il-Qorti ghandha taghmel eccezzjoni ghal din ir-regola, ghax b'dan l-argument hadd qatt ma jigi skwalifikat minn licenzja tas-sewqan, ghax din hija bzonnjuza ghall-hajja ta' kuljum ta' kull imputat. Lanqas jista' jinghad li jekk l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzja tas-sewqan, dan se jippregudika ix-xoghol tieghu ta' *spray painter* ma' kumpanija lokali tal-karozzi go Hal-Qormi, l-istess post fejn joqghod. Ghalhekk, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, m'hemmx ragunijiet specjali ghalfejn din il-Qorti m'ghandhiex timponi din is-sanzjoni, pero` hija tqis li skwalifika mil-licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax-il xahar, dan huwa zmien bizzejjed konsidrat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**28.** Il-fedina penali tal-imputat Abraham Grima mhix wahda netta. Huwa xellef difru l-ewwel darba mal-gusitzzja fl-1999 meta ikkommetta serq ta' mutur, kif ukoll saq dan il-mutur minghajr ma kellu licenzja u polza ta' assigurazjoni, kif ukoll talli ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor. Bejn l-2001 u l-2019, l-imputat kellu hames (5) kundanni minn dawn il-Qrati fejn hedded persuni u Pulizija waqt il-qadi ta' dmirijiethom u ksur ta' paci pubblika. Izda l-Qorti tosserva wkoll, li fil-waqt li l-

ewwel erba’ reati gew kommessi bejn l-1999 u is-sena 2002, iz-zewg reati l-ohra gew kommessi wahda fl-2018 u l-ohra fl-2019. Ghalhekk jidher li bejn l-2002 u l-2018, dan l-imputat kien irnexxielu jitbieghed mill-hajja kriminali.

**29.** Fir-rigward tal-imputat Grima, fil-*pre-sentencing report* l-Ufficjal tal-Probation Sarah Bezzina ikkonkludiet hekk:

*“Matul il-kumpilazzjoni ta’ dan ir-rapport gie innutat li l-problema principali li ghandu l-imputat hija l-marda tad-dipressjoni. L-imputat isostni li jinsab taht kura psikjatrika fejn anke jiehu medikazzjoni. Ghaldaqstant, huwa importanti li Abraham Grima jkompli b’dan it-trattament u jibqa’ jigi segwit mill-psikjatra. Gie innutat ukoll li l-imputat ghandu tendenza li jigi influwenzat malajr mill-kumpanija li jkun qed jaghmilha maghha b’konsegwenza li jinvolvi ruhu f’atti kriminali. … …*

*Fid-dawl tal-informazzjoni li ngabret matul il-kumpilazzjoni ta’ dan ir-rapport, qed ikun umilment irrakkomandat li Abraham Grima jitqieghed taht Ordni ta’ Probation, fejn ma’ din l-Ordni tkun annessa wkoll Ordni ta’ Trattament ghal ghajnuna psikjatrika. B’hekk l-imputat ikun jista’ jigi iggwidat kif ukoll assigurat li jiehu l-ghajnuna li ghandu bzonn sabiex izomm ’il boghod mill-hajja kriminali.”*

**30.** Il-Qorti taqbel ma’ din ir-rakkomandazzjoni tal-Ufficjal tal-Probation, fil-konfront tal-imputat Grima.

**31.** Fl-ahharnett, il-Qorti se tilqa’ wkoll it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-vettura li ntuzat sabiex jigi kommess ir-reat tigi konfiskata.

**Konkluzjoni**

**32.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba’ imputazzjoni fil-konfront tal-imputat Maverick Vella billi din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni fil-mori ta’ dawn il-proceduri.

2. Wara li rat l-Artikoli 18, 261(b), (c), (f), 263(a), 265, 267 u 270 tal-Kapitolu 9, tal-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, u r-Regolamenti 13(2) u 32(5) tal-Ligislazzjoni Sussidjarja 368.02 issib lill-imputat Maverick Vella hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet dedotti kontrih, izda tenut kont tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati Vella taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqu skond l-Ordni ta’ Probation hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

3. In oltre, il-Qorti tordna li l-hati Maverick Vella jigi skwalifikat milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12)-il xahar, ai termini tal-Artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Wara li rat l-Artikoli 18, 261(b), (c), (f), 263(a), 265, 267, 270 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat Abraham Grima hati tal-ewwel imputazzjoni dedotti kontrieh, kif ukoll li hu recidiv, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti qed tqieghed lill-hati Grima taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqu skond l-Ordni ta’ Probation hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

5. In oltre, il-Qorti qieghda tqieghed lill-hati Abraham Grima taht Ordni ta’ Trattament, ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, taht il-kura tal-psikjatra Dottor Anthony Dimech, u dan ghal perjodu ta’ tlett (3) snin. Dottor Anthony Dimech ghandu ihejji pjan ta’ kura ghall-hati, skont dak li fl-opinjoni tieghu huwa fl-ahjar interess ghall-bzjonnijiet tal-hati, inkluz, jekk ikun necessarju kura minn professjonijisti ohra, kura bhala pazjent mhux resident f’xi sptar jew agenzija jew istituzzjoni ohra adatta u kura bhala residenti f’xi sptar jew agenzija jew istituzzjoni ohra adatta. Il-Psikjatra Dimech ghandu l-fakolta` li jvarja dan il-pjan ta’ kura minn zmien ghal zmien

skond dak li fl-opinjoni tieghu hu fl-ahjar interessi ghall-bzonnijiet tal-hati. Il-hati huwa obbligat li jsegwi dan il-pjan ta' kura skrupolozament, u dan a spejjez tieghu.

6. Il-Qorti wissiet liz-zewg hatja bi kliem car jekk huma jikkommettu reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk jonqsu illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, huma jkunu jistghu jigu ikkundannati ghar-reati li ghalihom giet maghmula din l-Ordni, u l-hatja esprimew r-rieda taghhom li jikkonformaw mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

7. In oltre, il-Qorti wissiet lill-hati Abraham Grima bi kliem car u semplici, il-konsegwenzi jekk huwa jonqos li jottempera ruhu ma' din l-Ordni ta' Trattament.

8. Il-Qorti tordna l-konfiska tal-vettura tal-ghamla Tata Indica bin-numru tac-*Chassis* MAT6001522PR20958 ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza, inkluz iz-zewg Ordnijiet ta' Probation u l-Ordni ta' Trattament annessi maghha, tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

10. Il-Qorti tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tal-Ordni ta' Probation u tal-Ordni ta' Trattament tal-hati Abraham Grima jintbaghtu lill-Psikjatra Dottor Anthony Dimech.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**